MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1135/2002

**Marco Grima**

**vs**

**Rita Grima**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 11 ta' Ottubru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur, Marco Grima u l-konvenuta, Rita Grima zzewgu fit-18 ta' Frar 1971, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "MG1";

Illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg imsemmi nkiseb b'qerq dwar kwalita` tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet

serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-kunsens tal-konvenuta nkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza`;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b’anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk, iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u nvalidu skond il-ligi;

Illi l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-partijiet tat-18 ta’ Frar 1971 fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li minkejja li giet debitament notifikata, il-konvenuta baqghet ma pprezentat ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Marzu 2003 fejn inghata digriet ta’ l-affidavit lill-attur b’terminu ta’ erbghin (40) jum u l-konvenuta, prezenti, ddikjarat li topponi ghall-annullament u kellha tkellem lil Dr. Lorraine Schembri Orland id-difensur taghha.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 23 ta’ Marzu 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizzaha tressaq in-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Mejju 2003 fejn il-Qorti halliet ir-rikors ghall-provi kollha dwar l-istess ghall-14 ta’ Mejju 2003;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 4 ta’ April 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 7 ta’ April 2003 fejn permezz taghha pprezenta dokument;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 9 ta’ April 2003 fejn permezz taghha pprezenta affidavit ta’ Anthony Boyianzis;

Rat in-nota ta’ l-attur tal-21 ta’ April 2003 fejn permezz taghha pprezenta affidavits ta’ Antoine Grima u Margaret Grima;

Rat in-nota ta’ l-attur datata 13 ta’ Mejju 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavits ta’ Josephine Cassar u ta’ Father Emanuel Grima;

Rat in-nota tal-konvenuta datata 13 ta’ Mejju 2003 fejn permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-14 ta’ Mejju 2003 fejn xehed **Alan Grima** u l-kawza giet differita sabiex tinghata decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghas-17 ta’ Gunju 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2003 fejn inghatat decizjoni dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja tal-konvenuta fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuta sabiex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju 2003;

Rat in-nota ta’ l-attur tal-25 ta’ Lulju 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavit ta’ Franco Azzopardi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Novembru 2003;

Rat in-nota ta’ l-attur tas-17 ta’ Novembru 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavits ta’ Tony Meilaq u Michael Buttigieg;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Novembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi fost il-premessi attrici ghaliex l-attur qed jitlob li z-zwieg tieghu jigi dikjarat null hemm dak ta’ l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** li jipprovdi li:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew bil-biza”.*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** (Cit. Nru. 1019/98/RCP) deciza fid-9 ta’ Marzu,

2000) diga kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura rrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozzzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi wkoll, fil-kaz "**Anthony Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:-

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll *"reverenzjali"* bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** ( P.A. - 22 ta' Novembru1982, ) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggezjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certuentita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi*

*konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) 11 ta' Ottubru 2002):-

*"ma hemmx dubju li l-biza tista' tkun immedjata, ghaliex kreata minn persuna direttament fuq persuna ohra, jew medjanti sitwazzjoni li tikkawza certu biza f'dak li jkun, u dan huwa kaz klassiku ta' kif biza tista' tinholoq direttament stante li l-attrici kienet litteralment mhedda b'hajjitha u persunita jekk hija ma taccettax li tizzewweg lill-konvenut, ovvjament ghall-iskopijiet tieghu tant li kien biss dan it-theddid u biza li wasslu lill-attrici tiehu dan il-pass ta' zwieg in verita' fazul".*

Illi l-attur qed jibbaza wkoll it-talba tieghu fuq l-**artikolu 19 (1) (c), 19 (1) (d) u 19 (1) (f) tal-Kap.255**. L-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga"*. Din id-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-**Kanone 1098 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha ta' l-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra m'humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni ta’ l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi direttament fuq l-intellett ta’ xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u ndirettament fuq il-volonta’ tal-persuna ngannata. F’din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose’ Castano***:-

*“Il dolo causa direttamente errore nell’intelletto del paziente, il quale ex errore consente. Con la particella ex vogliamo significare l’immediata causalita’ dell’ errore sul consenso. L’atto di consentire pero’ e’ atto entittivamente di volonta”*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista’ jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *“In definittiva, quello che conta e che il dolus abbia influsso nel consenso, cioe’ che il consenso matrimoniale provenga dall’ errore doloso, senza il-quale il consenso non sarebbe mai stato espresso”* (op. cit. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba’ affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li il-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita’ tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita’ tkun tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-**artikolu 19 (1) (f)** jipprovdi li zwieg ikun null:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, new ta’ xi wiehed jew aktar mill-elemnti essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg”*.

Illi m’hemmx dubju li l-legislatur Malti, meta fformula dana l-paragrafu, kellu quddiemu l-izvilupp gurisprudenzali u

dottrinali fil-kamp tad-Dritt Kanoniku sal-1981, cjoe' meta l-**artikolu 19** allura ezistenti fil-ligi taghna gie sostitwit bl-**artikolu 19** vigenti illum. In fatti jekk wiehed jara l-inciz (2) tal-**kanone 1101 tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** promulgat sentejn wara dawk l-emendi fil-**Kap. 255**, wiehed isib li dan l-inciz hu kwazi identiku ghall-ligi taghna:

*"At si alterutra vel utrague pars positivo voluntatis actu excludat matrimonium ipsum vel matrimonii essentiale aliqudo elementum, vel essentialem aliquam proprietatem, invalide contrhit".*

Illi hawn qeghdin fil-kamp tas-simulazzjoni, u cjoe' meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun qed jinghata. L-awturi jitkellmu dwar *consensus simulatus* jew *consensus fictus*. Din is-simulazzjoni tista' tkun jew totali jew parzjali. Kif jispjega l-awtur ***Castano (Castano, J.F.,*** **Il Sacramento del Matrimonio, Roma, 1992):-**

*"In generale si parla di <u>exclusio totale</u> e di <u>exclusio partiale</u>. La prima sarebbe la esclusione della "totalita" matrimoniale, cioe' del <u>matrimonium ipsum,</u> mentre la seconda si riferisce al matrimonio solo "parzialmente", vale a dire ad <u>essentiale matrimonii aliquod elementum</u> e ad <u>essentialem aliquam proppríetatem.</u> Ad ogni modo, si tratta della esclusione totale o della esclusione parziale, per quanto riguarda l-effetto sulla validita' del matrimonio, non c'e' nessuna differenza, giacche' il matrimonio in ambedue I casi e' sempre invalido."* (op. Cit. P.382)

Illi tezisti simulazzjoni totali meta l-kontraent esternament ikun qed jaghmel atti li ma jkunux in konformi mal-volonta tieghu interna. Per ezempju, meta wiehed *"in no way consents to marriage"*. (**Bejan** 29 ta' Lulju, 1970) jew *"when he positively does not intend to give his consent while he can."* (**Abbo** 8 ta' Frar 1968) jew meta wiehed *"does not have the intention of contracting marriage but wishes to put on an act".* (***Pausilla*** 18 ta' Dicembru,1980).

Illi d-decizjonijiet Rotali ohra osservaw li simulazzjoni totali taz-zwieg jista' jsehh ukoll *"when a person excludes either marriage itself or his or her spouse."* (***Mercieca*** 15 ta' Lulju 1973) (***Ferraro*** 26 ta' April, 1978).

Illi simulazzjoni totali tezisti wkoll meta hemm inkluz element kuntrarju ghaz-zwieg. Ezempju ta' dan huwa meta bniedem jizzewweg *"or his own purposes which are different from marriage."* (***Rogers*** 11 ta' Novembru, 1993). Wiehed jista' jizzewweg ghal ragunijiet personali u soggettivi *(finis operantis et extraneus)*. Dawn ir-ragunijiet jistghu ma jikkoincidux ma dawk taz-zwieg innifsu *(finis operis)*. Jekk iz-zewg motivi jikkoezistu ghaliex wahda ma teskludix lill-ohra allura m'hemmx simulazzjoni u tali zwieg huwa validu. Mill banda l-ohra jekk wiehed jizzewweg bil-hsieb ewlieni tal-motivi soggettivi tieghu ad eskluzjoni tal-motivi taz-zwieg innifsu allura dak iz-zwieg huwa null.

Illi fil-ligi taghna mkien ma nsibu elenkati x'inhuma l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga pero' huwa principju rikonoxxut fis-socjeta' Maltija li z-zwieg kif nifmuh ahna ghandu a bazi tieghu l-element ta' esklussivita', cjoe' dik il-fedelta reciproka li l-partijiet jaghtu u jweghdu lil xulxin *(Bonum Fidei).*

Illi ghalhekk meta parti tidhol ghaz-zwieg tkun waqt il-hin tal-kunsens qeghda taghti lilha nnifisha lill-parti l-ohra u b'hekk qed teskludi relazzjonijiet ma' terzi persuni. Punti iehor li jrid jigi sollevat in ezami ta' dan is-sub-inciz huwa li l-ligi titkellem dwar eskluzjoni pozittiva. Huwa accettat fil-gurisprudenza taghna li sabiex jigi sodisfatt dan ir-rekwizit m'hemmx bzonn li tali eskluzjoni tkun wahda sfaccata, l-intenzjoni tal-eskluzjoni tista' tkun wahda percepibbli minn azzjonijiet impliciti. Gurisprudenza nostrana tammetti li hemm distinzjoni bejn id-dritt ghall-fedelta' u l-abbuz ta' dan id-dritt. Ghalhekk relazzjonijiet extra konjugali wara z-zwieg ma jikkontribwixxux wahedhom argument ghan-nullita'.

Illi lanqas ma jirrizulta f'nullita' meta wiehed mill-partijiet jiehu decizjoni <u>wara</u> z-zwieg li jnehhi jew jimmodifika d-dritt ghall-fedelta' gja' moghti fil-kunsens taz-zwieg.

Minkejja dan, relazzjonijiet extra konjugali ghandhom jigu meqjusa bis-serjeta' ghaliex jistghu jkunu rizultat ta' kunsens limitat minhabba simulazzjoni parzjali. *"We must take care not to consider lightly such a strong indication since more often than not, it could be a certain sign that the obligation of fidelity has not been assumed."* (***Pompedda*** 7 ta' Lulju 1972).

Illi dak li jrid jigi ppruvat, sal-grad li trid il-ligi taghna fil-kamp civili, hu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimoniali parti wahda jew it-tnejn kellha jew kellhom il-hsieb maghmul li ccahhad lill-parti l-ohra mid-dritt kif aktar 'l fuq imfisser *ossia* li tonqos mid-dover korrispondenti. Tali prova tista' ssir permezz ta' dikjarazzjonijiet f'dan is-sens – basta li l-Qorti tqishom, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, li jkunu attendibbli, kif ukoll minn cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens, cjoe' ghaz-zwieg.

Illi l-artikolu **19 (1) (d)** jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini****,* id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato*

*consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Villadrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993)**, p. 686).

**(ii) APPREZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Frar 1971, jirrizulta li l-attur qed jallega li hemm diversi ragunijiet ghaliex qed jitlob l-annullament taz-zwieg, fosthom fejn qed jghid li l-partijiet izzewgu sabiex jigi evitat l-iskarigg peress li huwa kien joqghod il-Hamrun u l-konvenuta kienet toqghod Birzebbugia, u peress li kienu qed ihossuhom b'certa sikkatura minhabba l-genituri taghhom it-tnejn; jallega wkoll li l-istess konvenuta meta huwa kien ikun ix-xoghol kienet tmur ghand ommha. B'konsegwenza ta' dan l-attur jghid li kien hemm dizgwid mal-konvenuta u beda jdum barra. L-istess attur semma wkoll episodji ta' nkwiet li inqala' bejniethom u jsemmi ukoll li wara li l-istess tifel taghhom kellu dsatax (19) il-sena l-konvenuta bdiet titraskura, skond huwa, d-dar, u dan kien ukoll kien wassal sabiex ikun hemm vjolenza fid-dar konjugali, kif ammetta l-istess attur, tant li huwa jghid li telaq mid-dar konjugali f'Ottubru 1988, u kien qed jaghtiha manteniment ta' mitt lira Maltija (Lm100) u mija u ghoxrin lira Maltija (Lm120) fix-xahar bla qatt ma sseparaw legalment.

Illi barra minn dan hemm ix-xhieda ta' Anthony Boyiansis, li kien jahdem ma' l-attur li rrakkonta biss x'kien jghidlu l-attur fuq il-problemi familjari li huwa kellu ma' martu, ghalkemm jghid li gieli martu cemplet fuq ix-xoghol li kellu l-attur. Xehet ukoll Antoine Grima, hu l-attur, li jghid li jiftakar lill-attur johrog mal-konvenuta u jghid li z-zwieg sar

malajr ghaliex omm l-konvenuta riedet li l-konvenuta tizzewweg qabel din ikollha dsatax (19) il-sena. Jiftakar li d-dar kienu jghidu li kellhom pressjoni mill-genituri tal-konvenuta sabiex jizzewgu malajr. Jikkonferma li l-genituri taghhom kienu stretti ma' l-attur dwar il-hrug. L-istess tikkonferma oht l-attur, Margaret Grima dwar is-sitwazzjoni fid-dar ta' l-attur dwar kif trabbew b'mod strett, u wkoll tirrakkonta kif il-konvenuta kienet diversi drabi ccempel fuq ix-xoghol ta' l-attur sabiex tinforma lill-principali tieghu dwar il-problemi familjari ta' bejniethom u diversi ezempji ohra fejn il-konvenuta kienet tipprova u tagixxi sabiex tumilja lill-attur quddiem in-nies, inkluz quddiem il-familjari tieghu.

Illi fl-istess process hemm ix-xhieda wkoll ta' Josephine Cassar, oht l-attur, u kkonfermat li omm l-konvenuta kienet tinsisti li l-konvenuta kellha tizzewweg qabel ma' jkollha tmintax (18) il-sena; dan apparti li l-istess partijiet meta johorgu kienu jkunu kwazi dejjem fil-prezenza ta' terza persuna u cjoe' omm l-konvenuta jew oht il-konvenuta. Minn naha tal-genituri ta' l-attur, dawn kienu stretti hafna fuq il-hin li l-attur kien jidhol lura d-dar, ghalkemm bla ebda dubju jidher li opponew li l-attur jizzewweg daqshekk malajr, izda jidher li dan kollu iktar wassal lill-attur ghall-konvinciment li jizzewweg meta jaghlaq tmintax (18) il-sena kif fil-fatt ghamel, u dan f'inqas minn sena *circa* mindu sar jaf lill-konvenuta. Tant sar kollox bl-ghagla li biex izzewgu l-partijiet krew post f'Bugibba, u ghalkemm jidher li l-familjari ta' l-attur kienu xtaqu li z-zwieg isir wara li hu l-attur isir sacerdot, jidher li l-konvenuta lanqas accettat dan u ffisat id-data tat-tieg xahar qabel dan l-avveniment. Dwar il-hajja flimkien, l-istess xhud ikkonfermat ix-xhieda ta' dawk kollha prodotti f'din il-kawza.

Illi xehed ukoll, hu l-attur, Father Emanuel sive Noel Grima u jghid li meta huh kien gharus lill-konvenuta huwa kien is-seminarju hlief ghall-vaganzi pero' jaf li l-konvenuta kienet ghamlet storja shiha meta l-attur kien siefer barra minn Malta ghaliex dahal ma' l-*Air Force*. Skond l-istess xhud il-konvenuta ghamlet minn kollox sabiex l-attur ma jsifirx u fil-fatt huwa telaq mill-*Air Force*. Ix-xhud jghid li

f’dan il-perjodu kien wasal bie issir djaknu f’Lulju 1971, izda l-partijiet kienu zzewgu fi Frar 2001, u kien ghalxejn li l-familjari ta’ l-attur urew ix-xewqa li l-istess tieg jigi ccelebrat mill-istess xhud, ghaliex kif inghad iz-zwieg sar qabel. Ikkonferma li l-attur kien issikkat fl-istess dar tal-genituri tieghu, fis-sens li l-hrug ma setax ikun aktar tard mid-disgha ta’ filghaxija (9.00.p.m.) u jidher li l-attur ried jakkwista certa liberta’ u dan haseb li kien ser jakkwistah fiz-zwieg, fejn jidher ukoll li gie dominat mill-konvenuta u l-familja taghha.

Illi xehed ukoll Franco Azzopardi u wkoll Tony Meilaq li jispjega kif il-konvenuta f’diversi okkazzjonijiet, kienet iccempel fuq ix-xoghol ta’ l-attur u kienet tkun dejjem aggressiva u sahanistra isterika fil-konfront ta’ l-attur fejn kienet turi lil kulhadd li ma kinitx tafda lill-attur; l-istess jirrakonta Michael Buttigieg, fl-affidavit tieghu datat 8 ta’ Novembru 2003.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-partijiet kienu ghal kollox inkompatibbli ghal xulxin, pero’ certament dan m’huwiex bizzejjed sabiex jigi annullat tali zwieg, iktar u iktar meta l-prezunzjoni legali hija dejjem favur li z-zwieg jigi ritenut validu u dan ghaliex l-istess zwieg u r-regoli tieghu huma tenuti bhala istituzzjoni ta’ ordni pubblika.

Illi pero’ mix-xhieda kollha prodotta, jirrizulta bla ebda dubju li kien hemm pressjoni serja sabiex l-attur jizzewweg lill-konvenuta fi zmien qasir u f’eta’ zghira, u l-impressjoni li din il-Qorti hadet meta rat ix-xhieda kollha, hija wahda li l-konvenuta u l-familjari taghha ghamlu pressjoni serja u konsistenti fuq l-attur sabiex huwa b’ghagla jizzewweg lill-attrici meta din taghlaq it-tmintax (18)-il sena, u fil-fatt hekk gara, tant li minkejja l-oppozizzjoni tal-familjari ta’ l-attur, il-konvenuta jidher li hadet il-briga u ffisat id-data tat-tieg hija anke qabel id-data meta hu l-attur kien ser isir djaknu; fil-fatt iz-zwieg sar fi Frar 1991 u hu l-attur Fr. Emmanuel sive Noel Grima sar djaknu f’Lulju 1991, u b’hekk ix-xewqa tal-familja ta’ l-attur li jekk kellu jizzewweg l-attur, kellu dan isir min huh, lanqas twettqet. Ghaliex din l-ghagla kollha ghaz-zwieg malli l-partijiet ghalqu t-tmintax (18)-il sena huwa misteru,

u certament ma kienx hemm lok ghal din l-ghaggla kollha ghaz-zwieg, tenut kont tal-fatt li din hija unjoni permanenti u ovvjament tinvolvi impenn ghall-hajja kollha.

Illi dan certament huwa iktar gravi meta wiehed iqis li l-istess partijiet kienu ghadhom ma mmaturawx, u dan certament li huwa indikat mill-fatt li l-istess partijiet ghazlu li jizzewwgu f'qasir zmien u bla ma kienu jafu sew lil xulxin, kemm minhabba l-pressjoni li saret mill-genituri tal-konvenuta, u fil-kaz ta' l-attur certament minhabba l-fatt li huwa kien qed ihoss li kien qed jigi kostrett fl-agir tieghu kemm mill-familjari tal-konvenuta, li kwazi qatt ma kienu qed jafdaw lill-partijiet flimkien, u kif ukoll mill-familjari ta' l-attur, li kienu stretti sew dwar il-hrug ta' l-attur mal-konvenuta, u kwazi kienu dogmatici dwar il-hin meta l-attur kien ikollu jidhol id-dar. Dan serva sabiex minflok l-attur japplika l-brejks fir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta, huwa iktar ghaggel sabiex minghalih jakkwista l-liberta' ghalih necessarja, sabiex kif huwa fehem jaghmel dak li jrid b'iktar liberta' u certament minghajr indhil mill-genituri tieghu.

Illi dawn ix-xelti kollha saru mill-attur f'mument ta' infatwazzjoni tieghu ghall-konvenuta, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mill-ligi li l-attur ma kienx fi grad li jaghti kunsens validu taz-zwieg peress li kellu difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali taghha u dan huwa rifless mill-fatt li jidher car li l-attur ma kienx f'pozizzjoni li jaghmel ghazla libera dwar iz-zwieg tieghu mal-konvenuta, u dan peress li dak li huwa kellu f'mohhu kien biss li jahrab minn dak li hass li kienet sikkatura mill-genituri, animata din ukoll, mill-fatt li l-istess genituri ta' l-attur kienu stretti wisq fuq il-kwistjoni tal-hrug ta' l-attur – u b'hekk dak li wassal lill-attur sabiex jizzewweg lill-konvenuta f'qasir zmien kienet fuq kollox l-ideja falza ta' l-attur li b'hekk kien ser jakkwista l-liberta' tieghu – u b'dan l-atteggament tieghu certament li ghamilha mpossibbli ghalih sabiex jifhem u wisq inqas jimpenja ruhhu ghal zwieg veru mal-konvenuta; u dan huwa iktar gravi meta huwa f'dak il-mument naqas li jara d-differenzi kbar u serji li kien hemm bejnu u bejn il-konvenuta.

Illi f'dan l-aspett jinghad ukoll li jidher car mill-provi prodotti li l-konvenuta kienet pressata ghal kollox minn ommha sabiex tagghel u tiffissa d-data tat-tieg, u certament din lanqas ma halliet lill-konvenuta sabiex ikollha l-fakolta' necessarja ta' kunsens liberu taz-zwieg, hekk kif kienet dominata minn ommha, kemm fil-fatt qabel u kemm wara l-istess zwieg.

Illi jinghad ukoll li l-kunsens ta' l-attur kien ukoll vizzjat peress li huwa kien taht pressjoni kontinwa u asfisjanti sabiex jizzewweg lill-konvenuta f'qasir zmien u malli din taghlaq tmintax (18) il-sena – certament li dan japplika ukoll ghall-konvenuta, li jidher li kienet bla ebda dubju dominata mill-familjari taghha, tant li wara l-istess zwieg jidher li kienet l-istess familja taghha li ghaliha kienet tirrikori ma' lanqas dizgwid ma' l-attur – li ovvjament maz-zmien iggrava sew u b'mod ghal kollox serju. Dan ifisser li l-kunsens tal-partijiet kien ukoll ivvizjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255.** Kull xhud li xehed fil-kawza li jaghmel parti mill-familja ta' l-attur emfasizzaw sew il-pressjoni li kellu fuqu l-attur sabiex jizzewweg lill-konvenuta f'qasir zmien tant li l-ebda suggeriment minn naha tal-familjari ta' l-attur sabiex huwa jiehu z-zmien tieghu ma' setghet ikollha effett ma' l-attur, u fil-fatt bil-kontra, din iktar swiet sabiex l-attur jaghmel dak li kienet qed tissugerilu l-konvenuta u l-familjari taghha, u dan fi zmien meta l-istess partijiet kienu ghadhom qed jibdew jimmaturaw.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba attrici ghandha tigi milqugha a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg bejn il-partijiet tat-18 ta' Frar 1971 fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u dan a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (a) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.
Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------